DIGRIET TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla)

18 ta' Frar 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Artikoli 53(2) u 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja — Trasport bit-triq — Perijodu ta' mistrieħ ta' xufier — Regolament ta' Stat Membru li jċaħħad lill-impjegat fuq vjaġġ professjonali mid-dritt għall-kumpens tal-akkomodazzjoni fil-forma ta' somma f'daqqa f'każ ta' akkomodazzjoni garantita minn persuna li timpjega għas-spejjeż tiegħu — Inklużjoni possibbli tal-akkomodazzjoni ta' xufier ta' trakk fil-vettura tiegħu"

Fil-Kawża C-325/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mis-Sąd Rejonowy dla Wrocławia-Śródmieścia we Wrocławiu (tribunal distrettwali ta' Wrocław-Śródmieście fi Wrocław, il-Polonja), permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Mejju 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-1 ta' Lulju 2015, fil-proċedura

Z. Ś.,

Z. M.,

M. P.

vs

X,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla),

komposta minn F. Biltgen, President tal-Awla, E. Levits u M. Berger (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Wahl,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat id-deċiżjoni meħuda, wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li tagħti deċiżjoni permezz ta' digriet motivat, skont l-Artikoli 53(2) u 99 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Pollakk.

Digriet

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 8(8) tar-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, p. 1).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest tal-kawża bejn Z. Ś., Z. M. u M. P., xufiera ta' vetturi li jwettqu attività ta' trasport internazzjonali, u X, il-persuna li kienet timpjegahom qabel, dwar ir-rifjut, minn dan tal-aħħar, ta' pagament ta' ċertu kumpens bħala korrispettiv tal-iljieli li huma qattgħu fuq il-vettura tagħhom.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 L-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 561/2006 jipprevedi li:

"Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(ċ) 'xufier' tfisser kull persuna li ssuq il-vettura anki jekk għal perijodu qasir, jew li tkun qed tinġarr fil-vettura bħala parti mid-doveri tagħha, sabiex tkun disponibbli għas-sewqan jekk ikun hekk meħtieġ;

[…]

(f) 'perijodu ta' mistrieħ' tfisser kwalunkwe perijodu bla interruzzjoni li fih ix-xufier jista' jagħmel li jrid bil-ħin tiegħu;

(g) 'perijodu ta' mistrieħ ta' kuljum' tfisser il-perijodu ta' kuljum li fih xufier jista' jagħmel li jrid bil-ħin tiegħu u jkopri 'perijodu regolari ta' mistrieħ ta' kuljum' u 'perijodu mnaqqas ta' mistrieħ ta' kuljum':

— 'perijodu regolari ta' mistrieħ ta' kuljum' tfisser kull perijodu bla interruzzjoni ta' mistrieħ ta' mill-inqas 11-il siegħa. Bħala alternattiva, dan il-perijodu regolari ta' mistrieħ ta' kuljum jista' jittieħed f'żewġ perijodi, l-ewwel wieħed għandu jkun perijodu bla interruzzjoni ta' mill-inqas 3 sigħat u t-tieni wieħed ikun perijodu bla interruzzjoni ta' mill-inqas 9 sigħat;

— 'perijodu mnaqqas ta' mistrieħ ta' kuljum' tfisser kull perijodu ta' mistrieħ ta' mill-inqas 9 sigħat imma anqas minn 11-il siegħa;

(h) 'perijodu ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa' tfisser perijodu ta' kull ġimgħa li matulu xufier jista' juża l-ħin tiegħu kif irid u jkopri 'perijodu regolari ta' mistrieħ fil-ġimgħa' u 'perijodu mnaqqas ta' mistrieħ fil-ġimgħa'.

— 'perijodu regolari ta' mistrieħ ta' kuljum' tfisser kull perijodu bla interruzzjoni ta' mistrieħ ta' mill-inqas 11-il siegħa.

— ‘perijodu mnaqqas ta’ mistrieħ ta’ kull ġimgħa’ tfisser kull perijodu ta’ mistrieħ ta’ anqas minn 45 siegħa, li jista’, bla ħsara għall-kondizzjonijiet fl-Artikolu 8(6), jitqassar għal minimu ta’ 24 siegħa konsekuttivi;

(i) ‘ġimgħa’ tfisser il-perijodu ta’ ħin bejn 00.00 tat-Tnejn u 24.00 tal-Ħadd;

[...]”

4 L-Artikolu 8(8) tar-Regolament Nru 561/2006 jipprevedi:

“Fejn xufier jagħżel li jagħmel dan, perijodi ta’ mistrieħ ta’ kuljum u perijodi imnaqqsa ta’ mistrieħ ta’ kull ġimgħa ’il bogħod mill-bażi jistgħu jittieħdu f’vettura, kemm-il darba din ikollha faċilitajiet għall-irqad xierqa għal kull xufier u l-vettura tkun wieqfa.”

Id-dritt Pollakk

5 L-Artikolu 9(1) tar-Regolament tal-Ministru tax-Xogħol u Politika soċjali, dwar l-ammont u l-kundizzjonijiet tad-determinazzjoni tad-drittijiet li jibbenefikaw minnhom il-ħaddiema impjegati f’kollettività pubblika tal-Istat jew lokali fuq vjaġġ professjonali barra mill-pajjiż (rozporządzenie Ministra Pracy i Polityki Społecznej r. w sprawie wysokości oraz warunków ustalania należności przysługujących pracownikowi zatrudnionemu w państwowej lub samorządowej jednostce sfery budżetowej z tytułu podróży służbowej poza granicami kraju, Dz. U. 2002 nº 236, poz. 1991), tad-19 ta’ Diċembru 2002 (iktar ’il quddiem ir-“Regolament tad-19 ta’ Diċembru 2002”), kif ukoll l-Artikolu 16(1) tar-Regolament tal-Ministru tax-Xogħol u tal-Politika soċjali, dwar id-drittijiet li jibbenefikaw minnhom il-ħaddiema impjegati f’kollettività pubblika tal-istat jew lokali fuq vjaġġ professjonali (rozporządzenie Ministra Pracy i Polityki Społecznej w sprawie należności przysługujących pracownikowi zatrudnionemu w państwowej lub samorządowej jednostce sfery budżetowej z tytułu podróży służbowej, Dz. U. 2013, poz. 167), tad-29 ta’ Jannar 2013 (iktar ’il quddiem ir-“Regolament tad-29 ta’ Jannar 2013”), jipprevedu li impjegat fuq vjaġġ professjonali barra mill-pajjiż għandu dritt għal rimbors tal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni mġarrba għal ammont ekwivalenti ma’ dak indikat fuq il-fattura, sal-limitu tal-ammont massimu kif previst fl-anness tar-regolamenti fis-seħħ waqt il-perijodu kkonċernat.

6 Skont it-tieni paragrafu ta’ dawn l-artikoli, f’każ fejn il-fattura ma tkunx ġiet ippreżentata mill-impjegat, dan għandu dritt ta’ kumpens fil-forma ta’ somma f’daqqa ta’ 25 % tal-ammont massimu msemmi fl-ewwel paragrafu ta’ dawn id-dispożizzjonijiet.

7 Skont il-paragrafu 4 ta’ kull artikolu msemmi, l-paragrafi 1 u 2 tagħhom ma humiex applikabbli f’każ ta’ akkomodazzjoni ggarantita mill-persuna li timpjega għall-ispejjeż tiegħu.

8 Il-liġi dwar il-perijodi tax-xogħol tax-xufiera (ustawie o czasie pracy kierowców, Dz. U. 2012, poz. 1155), tas-16 ta’ April 2004 (iktar ’il quddiem il-“Liġi dwar il-perijodi tax-xogħol tax-xufiera”), tipprovdi li x-xufiera impjegati f’relazzjoni ta’ xogħol huma suġġetti, minbarra għad-dispożizzjonijiet legali fuq perijodi ta’ xogħol, għall-istandards dwar il-pawżi u l-perijodi ta’ mistrieħ obbligatorji, kif previsti fir-Regolament Nru 561/2006, li jirregolaw il-perijodi tas-sewqan ta’ vettura.

9 L-Artikolu 14(1) tal-liġi dwar il-perijodi tax-xogħol tax-xufiera jipprevedi li x-xufier għandu dritt ta’ mill-inqas ħdax-il siegħa ħin tal-mistrieħ kontinwu kuljum. Il-ħin ta’ mistrieħ ta’ kuljum, ħlief għax-xufiera f’kapitolu 4a tal-imsemmija liġi, jiġifieri dawk li jwettqu servizzi regolari li ma jaqbżux il-50 kilometru, jista’ jittieħed f’vettura jekk din tkun wieqfa u jkollha faċilitajiet għall-irqad.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

10 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li r-rikorrenti fil-kawża prinċipali kienu, matul il-perijodu bejn l-2011 u l-2013, impjegati minn X bħala xufiera ta' trakkijiet ta' iktar minn 12-il tunnellata, abbażi ta' attività ta' trasport internazzjonali. Bħala korrispettiv tal-iljieli li huma qattgħu barra mill-pajjiż fil-kabina tal-vettura tagħhom, li kienet maħsuba għall-irqad fiha, huma talbu lil X pagament ta' somma f'daqqa.

11 Skont il-kuntratti ta' xogħol rispettivi tagħhom, dawn ir-rikorrenti kellhom dritt għal remunerazzjoni bażika, għall-kumpens fil-forma ta' somma f'daqqa għax-xogħol ta' bil-lejl u għal kumpens fil-forma ta' somma f'daqqa għax-xogħol imwettaq abbażi tas-sigħat supplimentari.

12 Matul it-tul kollu ta' dawn il-kuntratti, il-persuna li timpjega rrifjutat li tħallas lill-imsemmija rikorrenti l-kumpens fil-forma ta' somma f'daqqa għall-iljieli li huma qattgħu fil-vettura tagħhom, għar-raġuni li l-akkomodazzjoni tagħhom kienet iggarantita mingħajr spejjeż fil-kabina tal-vettura kkonċernata.

13 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li s-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali jikkonċerna biss id-drittijiet ta' dawn ix-xufiera fir-rigward tal-persuna li timpjegahom fir-rigward tar-rimbors tal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni fil-kundizzjonijiet iffissati mid-dritt nazzjonali.

14 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li s-Sąd Rejonowy dla Wrocławia-Śródmieścia we Wrocławiu (tribunal distrettwali, diviżjoni tax-xogħol u sigurtà soċjali ta' Wrocław-Śródmieście fi Wrocław) iddeċieda li jissospendi l-proċedura u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 8(8) tar-Regolament Nru 561/2006, li jipprovdi li, fejn xufier jagħżel li jagħmel dan, il-perijodi ta' mistrieħ ta' kuljum u l-perijodi mnaqqsa ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa 'il bogħod mill-bażi jistgħu jittieħdu fil-vettura, kemm-il darba din ikollha faċilitajiet xierqa għall-irqad għal kull xufier u l-vettura tkun wieqfa, għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta l-persuna li timpjega (l-operatur tat-trasport) toffri mingħajr ħlas, faċilitajiet xierqa għall-irqad fil-kabina tal-vettura lill-persuna impjegata (ix-xufier), jipprekludi r-regolament nazzjonali previst fl-Artikolu 9(4) tar-Regolament tad-19 ta' Diċembru 2002, kif emendat, applikabbli sat-28 ta' Frar 2013, u fl-Artikolu 16(4) tar-Regolament […] tad-29 ta' Jannar 2013, applikabbli mill-1 ta' Marzu 2013, bl-effett li l-impjegat, b'hekk, għandu dritt għal rimbors tal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni b'kundizzjonijiet ffissati mill-Artikolu 9(1) sa (3) tar-Regolament tad-19 ta' Diċembru 2002 u mill-Artikolu 16(1) sa (3) tar-Regolament tad-29 ta' Jannar 2013, jew b'kundizzjonijiet u minn ammonti iktar favorabbli ffissati mill-kuntratt tax-xogħol, minn ftehim ta' xogħol kollettiv jew minn regoli oħra tad-dritt tax-xogħol?

2) L-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 561/2006 għandu jiġi interpretat fis-sens li, fejn xufier jagħżel li jagħmel dan, perijodi ta' mistrieħ 'il bogħod mill-bażi, definiti fl-Artikolu 4(f) sa (i) ta' dan ir-regolament, jistgħu jittieħdu f'vettura, kemm-il darba din ikollha faċilitajiet xierqa għall-irqad għal kull xufier u l-vettura tkun wieqfa?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

15 Skont l-Artikolu 99 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, meta r-risposta għal domanda preliminari ma tħalli lok għal ebda dubju raġonevoli, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', f'kull ħin, fuq proposta tal-Imħallef Relatur u wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tiddeċiedi permezz ta' digriet motivat.

16 Hemm lok li din id-dispożizzjoni tiġi applikata fil-kuntest ta' din il-kawża fir-rigward tal-ewwel domanda.

17 Permezz ta' din id-domanda, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 8(8) tar-Regolament Nru 561/2006 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom ix-xufier ta' vettura għandu dritt għal rimbors tal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni li jirriżultaw mill-attività professjonali tiegħu.

18 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li Artikolu 8(8) tar-Regolament Nru 561/2006 jipprovdi li, fejn xufier jagħżel li jagħmel dan, il-perijodi ta' mistrieħ ta' kuljum u l-perijodi mnaqqsa ta' mistrieħ ta' kull ġimgħa 'l bogħod mill-bażi jistgħu jittieħdu f'vettura, kemm-il darba din ikollha faċilitajiet xierqa għall-irqad għal kull xufier u l-vettura tkun wieqfa.

19 Għaldaqstant, mill-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li hija tikkonċerna biss l-organizzazzjoni ta' ċertu perijodu ta' mistrieħ għad-dispożizzjoni tax-xufier fil-kuntest tal-attività professjonali tiegħu iżda mhux il-kumpens ta' dawn il-perijodi ta' mistrieħ.

20 F'dan ir-rigward, għandu jiġi ċċarat li r-Regolament Nru 561/2006, li jarmonizza, b'mod partikolari, ir-regoli dwar il-ħinijiet tas-sewqan, il-pawżi u l-perijodi ta' mistrieħ għax-xufiera li jaħdmu fit-trasport ta' merkanzija u tal-passiġġieri bit-triq, filwaqt li jħalli l-possibbiltà lil-leġiżlatur nazzjonali sabiex jadotta dispożizzjonijiet iktar favorevoli għall-imsemmija xufiera, ma jinkludi l-ebda dispożizzjoni dwar il-kumpens li minnu jistgħu jibbenefikaw tali xufiera fl-eżerċizzju tal-attività professjonali tagħhom.

21 F'dan is-sens, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li r-Regolament Nru 561/2006, u b'mod partikolari, l-Artikolu 8(8) ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi l-kundizzjonijiet li fihom xufier ta' vettura għandu dritt għal rimbors tal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni li jirriżultaw mill-attività professjonali tiegħu.

Fuq it-tieni domanda

22 Skont l-Artikolu 53(2) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, meta l-Qorti tal-Ġustizzja manifestament ma jkollhiex ġurisdizzjoni sabiex tisma' kawża jew meta talba jew rikors ikunu manifestament inammissibbli, il-Qorti tal-Ġustizzja tista', f'kull ħin u wara li jinstema' l-Avukat Ġenerali, tiddeċiedi permezz ta' digriet motivat, mingħajr ma tkompli l-proċedura.

23 Hemm lok li din id-dispożizzjoni tiġi applikata fil-kuntest ta' din il-kawża fir-rigward tat-tieni domanda.

24 Permezz ta' din id-domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 561/2006 għandux jiġi interpretat fis-sens li, meta xufier jagħżel li jagħmel dan, il-perijodi ta' mistrieħ 'il bogħod mill-bażi tiegħu, definiti fl-Artikolu 4(f) sa (i) ta' dan ir-regolament, jistgħux jittieħdu f'vettura, kemm il-darba din ikollha faċilitajiet xierqa għall-irqad għal kull xufier u l-vettura tkun wieqfa.

25 Madankollu, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-kooperazzjoni stabbilita mill-Artikolu 267 TFUE, in-neċessità li tingħata interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tkun utli għall-qorti nazzjonali teżiġi li din tiddefinixxi l-kuntest fattwali u leġiżlattiv tad-domandi li hija tressaq jew li, għall-inqas, tispjega l-ipoteżijiet fattwali li huma bbażati fuqhom dawn id-domandi (ara, b'mod partikolari, id-digriet Striani *et*, C-299/15, EU:C:2015:519, punt 22, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

26 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja biss għandha s-setgħa li tiddeċiedi fuq l-interpretazzjoni ta' test tal-Unjoni abbażi ta' fatti li jiġu indikati lilha mill-qorti nazzjonali (ara, b'mod partikolari, id-digriet Talasca, C-19/14, EU:C:2014:2049, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Il-Qorti tal-Ġustizzja tinsisti wkoll dwar l-importanza tal-indikazzjoni, mill-qorti nazzjonali, tar-raġunijiet preċiżi li wassluha sabiex tistaqsi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni u sabiex tikkunsidra neċessarju li tagħmel domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja (ara d-digriet Talasca, C-19/14, EU:C:2014:2049, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 Fil-fatt, peress li hija d-deċiżjoni tar-rinviju li sservi bħala l-bażi għall-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, huwa indispensabbli li l-qorti nazzjonali, fid-deċiżjoni tar-rinviju stess, tispeċifika l-kuntest fattwali u leġiżlattiv tat-tilwima fil-kawża prinċipali u tagħti minimu ta' spjegazzjonijiet dwar ir-raġunijiet għall-għażla tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li hija titlob l-interpretazzjoni tagħhom kif ukoll dwar ir-rabta li hija tistabbilixxi bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli fil-kawża mressqa quddiemha (ara d-digriet Talasca, C-19/14, EU:C:2014:2049, punt 20 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 Dawn ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-kontenut ta' talba għal deċiżjoni preliminari li jagħtu d-dritt lill-Qorti tal-Ġustizzja li tivverifika, minbarra l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari, anki l-kompetenza tagħha biex tagħmel domanda, jissemmew b'mod espliċitu fl-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura, li l-qorti tar-rinviju titqies, fil-kuntest tal-kooperazzjoni stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, li għandha konjizzjoni tagħhom u li għandha tosserva bir-reqqa (ara s-sentenza Siragusa, C-206/13, EU:C:2014:126, punt 19, u d-digriet Talasca, C-19/12, EU:C:2014:2049, punt 21)

30 Għandu jiġi enfasizzat ukoll, f'dan ir-rigward, li l-informazzjoni pprovduta fid-deċiżjonijiet tar-rinviju sservi mhux biss sabiex tippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti risposti utli, iżda wkoll sabiex tippermetti lill-gvernijiet tal-Istati Membri kif ukoll lill-partijiet interessati l-oħra jippreżentaw osservazzjonijiet skont l-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Hija r-responsabbiltà tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiżgura li din il-possibbiltà tiġi salvagwardjata, fid-dawl tal-fatt li, dejjem skont din id-dispożizzjoni, id-deċiżjonijiet tar-rinviju biss huma nnotifikati lill-partijiet interessati (ara d-digriet Talasca, C-19/14, EU:C:2014:2049, punt 23).

31 Fil-każ preżenti, id-deċiżjoni tar-rinviju ma tissodisfax dawn ir-rekwiżiti.

32 Anki kieku r-referenza, fil-formulazzjoni tat-tieni domanda, "l-għażla li jagħmel ix-xufier" tippermetti li jiġi preżunt li din id-domanda tirrigwarda l-paragrafu 8 tal-imsemmi artikolu, li fih tissemma għażla bħal din, għandu jiġi kkonstatat li l-qorti tar-rinviju titlob l-interpretazzjoni tal-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 561/2006, mingħajr ma tindika preċiżament il-paragrafu li hu s-suġġett tad-domanda tagħha.

33 Qabel kollox, il-qorti tar-rinviju ma tesponix kif l-interpretazzjoni, mitluba minn din id-domanda, ta' dispożizzjoni dwar il-perijodi ta' mistrieħ ta' kuljum u l-perijodi ta' mistrieħ fil-ġimgħa mnaqqsa 'l bogħod mill-bażi li xufier jista' jieħu fil-vettura tiegħu, hija meħtieġa sabiex hija tkun tista' tevalwa t-tilwima pendenti quddiemha.

34 Din il-qorti ssostni li mill-Artikolu 8(8) tar-Regolament Nru 561/2006 ma jirriżultax b'mod ċar li din id-dispożizzjoni tikkonċerna t-tipi kollha ta' perijodi ta' mistrieħ iddefiniti fl-Artikolu 4 tal-istess regolament, peress li l-perijodi ta' mistrieħ fil-ġimgħa normali ma humiex espressament inklużi fiha. Billi ma ppreżentat l-ebda raġuni dwar in-neċessità jew l-utilità tar-risposta għat-tieni domanda tagħha sabiex tevalwa t-tilwima li kienet imressqa quddiemha, l-imsemmija qorti ma ppreżentat, barra minn hekk, l-ebda spjegazzjoni għar-raġunijiet għalfejn ir-risposti li l-Qorti tal-Ġustizzja jkollha tagħti għat-tieni domanda, li tirrigwarda, f'dan il-każ, l-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 561/2006, jistgħu, f'tali kuntest proċedurali, ikunu meħtieġa għas-soluzzjoni ta' din it-tilwima.

35 Għaldaqstant, it-talba għal deċiżjoni preliminari ma laħqitx ir-rekwiżiti ddikjarati fil-punti 25 sa 30 ta' dan id-digriet, jiġifieri livell ta' ċarezza u ta' preċiżjoni biżżejjed li jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi, filwaqt li tiżgura li r-risposta għad-domanda mressqa tkun neċessarja għas-soluzzjoni

tat-tilwima pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju, u li l-gvernijiet tal-Istati Membri, kif ukoll, il-partijiet interessati l-oħra, jistgħu b'mod utli jagħmlu użu mill-possibbiltà li jressqu osservazzjonijiet, skont l-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

36 Peress li ma hemmx preżentazzjoni suffiċjenti tar-raġunijiet għad-domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tistax tipprovdi risposta utli għaliha.

37 F'dawk iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li t-tieni domanda hija manifestament inammissibbli.

Fuq l-ispejjeż

38 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) taqta' u tordna:

1) **Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Marzu 2006, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(8) tiegħu, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi l-kundizzjonijiet li permezz tagħhom ix-xufier ta' vettura għandu dritt għal rimbors tal-ispejjeż tal-akkomodazzjoni li jirriżultaw mill-attività professjonali tiegħu.**

2) **It-tieni domanda magħmula mis-Sąd Rejonowy dla Wrocławia-Śródmieścia we Wrocławiu (tribunal distrettwali ta' Wrocław-Śródmieście fi Wrocław, il-Polonja) hija manifestament inammissibbli.**

Firem